**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 8 ta' Lulju, 2021**

**<u>Rikors nru: 296/2008 AGV ;</u>**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 8 ta' Lulju 2008, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat:-

1. Illi hija u l-konvenut CB, izzewwgu fil-15 ta' Settembru 1990.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifla wahda D illi twieldet fid-29 ta' April 1990 ghalhekk illum hija maggorrenni.

3. Illi l-konvenut rrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' vjolenza, adulterji ripetuti eccessi, sevizzi u ingurji gravi b' mod li rrenda l-hajja konjugali ta' bejniethom impossibbli u l-hajja matrimonjali bejn l-attrici u l-konvenut tkisser irremedjabbilment.

4. Illi l-konvenut iktar minn sena ilu qabad u telaq lil martu u mid-dar konjugali.

5. Illi minkejja diversi tentattivi ghal soluzzjoni bonarja min-naha tal-attrici din is-soluzzjoni bonarja qatt ma sehhet, minhabba karattru tal-konvenut.

6. Illi l-konvenut ukoll jiggestixxi negozju illi ghandhom il-partijiet b' mod qarrieqi lejn l-attrici u kontra l-interess tal-komunjoni tal-akkwisti, u ta' spiss juza' flejjez tal-istess komunjoni ghal interessi personali mistura tieghu.

7. Illi l-medjazzjoni ma tat ebda frott.

8. Illi l-intimat instab hati mil-Qorti tal-Magistrati, illi hebb ghall-attrici u kkagunalha griehi ta' natura hafifa u dana permezz ta' sentenza datata 23 ta' Lulju elfejn u sebgha.

9. Illi kien minhabba f' dana kollu illi l-attrici kellha tibda' dawn il-proceduri.

10. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata numru ta' drabi sabiex tipprocedi ghal separazzjoni personali, l-ahhar darba permezz ta' digriet mill-Qorti Civili sezzjoni tal-Famila datata 9 ta' April 2008, kopja ta' dan id-digriet jinsab anness bhala Dok. A.

**11.**Illi l-attrici taf b' dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-attrici titlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti joghgobha, jekk hemm bzonn ukoll, tramite' l-appuntar ta' Periti nominandi:-

1.Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi B, ghal ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenut ta' adulterju, sevizzi, minacci, u ingurji gravi kommessi kontra l-istatni fuq premess, u / jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment u ghall- finijiet u effetti tal-ligi, tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kkunsidrat illi minnha kien hati tal-firda.

**2.**Torda lill-konvenut sabiex ihallas lil-attrici rata ta' manteniment ghaliha lill din il-Qorti joghgobha tiffissa.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess propjeta' u assi formanti parti mill-komujoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, naha lill-attrici l-ohra lill-konvenut liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala meta l- konvenut jigi kkunsidrat li jkun hati tal-firda, b' tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attrici skont il-ligi u billi l-konvenut jigi dikjarat unikament esklussivament responsabbli ghad-dejn u obbligazzonijiet minn assunti in mala fede, u billi l-attrici tigi akkredtiata b' sehemha spettanti mir-rikavati ta' beni appartenenti lill-komujoni gja' spettanti mir-rikavati ta' beni apparteneti lill-komunjoni gja mibjugha f' kaz li l-konvenut ma jaghtix rendikont sodisfacjenti ta' tali rikavati , u kif ukoll b' dawk l-ispejjez li hija ghamlet fil-propjeta' komuni u l-konvenut jigi kkundannat jaghti lura kull somma

ta' flus u l-valur ta' kull oggett li seta' ha l-konvenut biex ihallas djun li ma jmorrux fuq il-komunjoni, dana kollu jekk hemm bzonn b' opera ta' periti nominandi, sabiex jillikwidaw l-istess komunjoni.

4. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u / jew 51 sa 55 A tal-Kodici Civili, kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tawtorizza lill- attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali, numru, 111, Carmel Court, Flat 2 Mensija Road San Gwann, flimkien ma' bintha u dan ad eskluzjoni tal-konvenut.

6. Tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti l-oggetti kollha dotali u parafernali, tal-istess attrici u fin-nuqqas jigi kkundanat ihallas lill-attrici l-valur taghhom, hekk kif jigu likwidati jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez inkluzi tar-rikorsi fi hdan il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja, kif ukoll tal-mandat ta' deskrizzjoni, ipprezentata konstetwalment ma' dan l-att, u imghaxijiet kontra l-konvenut, li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta** guramentata ta' CB datata 10 ta' Settembru 2008, li esponiet bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonfermat:-

1. Illi in linea prelimanari, peress lill-esponenti permezz tar-rikors guramentat bin-numru 127/2008 NC diga' intavola kawza ha, dwar l-istess oggett quddiem il-Qorti komptetenti, din il-kawza ghanda tigi mibghuta lil dik l-

Qorti l-ohra, u dan a tenur tal-Artikolu 792 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma jaqbilx mal-ewwel talba in kwantu tat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet huwa unikament attriwibbli ghal nuqqasijiet imputabbli lill-attrici, liema nuqqasijiet jikkonsistu f' ingurji gravi, minacci, sevizzi, u adulterju flagranti kollha mwettqin mill-istess attrici fil-konfront tal-esponenti, fil-fatt l-esponenti diga' intavola kawza ohra , fil-konfront ta' martu, fejn huwa talab il-firda personali, ghal ragunijiet msemmija f' dan il-paragrafu.

3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suepost, l-konvenut joggezzjona ghat-tieni talba, in kwantu hija hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu, u ghalhekk ddekadiet mill-jedd ghal-manteniment, a tenur tal-Artiklu 38 u 48 tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi minghajr ebda pregudizziju ghas-suespost, l-esponenti joggezzjona interament ghat-tielet talba attrici, u dan peress illi s-separazzjoni personali odjerna sehhet biss minhabba l-htijiet fuq imsemmija tal-attrici.

5. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti joggezzjona ghar-raba' talba attrici, stante li d-disposizzonijiet hemm citati ma ghandhomx japplikaw ghalih;

6. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti joggezzjona ghall-hames talba attrici, u dan peress li l-htija tas-separazzjoni ma tinsabx fih, imma interament fl-attrici.

7. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m'ghandux oggezzjoni ghas-sitt talba, salv ghal-applikazzjoni tal-Artiklu 48 et seq tal-Kap XVI

tal-Ligijiet ta' Malta, mitluba fil-konfront tal-attrici permezz tar-rikors mahluf numru 127/2008 NC.

Salv eccezzonijiet ohrajn skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti u semghet il-provi.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Dina l-kawza miexja ma' kawza ohra fl-ismijiet CB vs AB Rik. Gur. 127/2008 u l-atti u l-konsiderazzjonijiet maghmula f'dik il-kawza japplikaw ghal dina l-kawza.

**DECIDE**

1. Tilqa' l-ewwel talba attici in parte in kwantu tiddikjara li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi fil-konfront tal-attrici.

2. Tichad it-tieni talba attrici ghar-ragunijiet suesposti.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici sa fejn hu applikabbli skond ma deciz aktar 'l fuq.

4. Tichad ir-raba' talba attrici.

5. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta' dina l-hames talba stante li l-istess dar matrimonjali llum nbieghet.

6. Tichad is-sitt talba attrici u dan stante ma ngabu ebda provi dwar il-proprjeta' parafernali.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**